KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 56** **IS-SITT KUNSILL**

Is-sitta u ħamsin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **it-Tnejn 9 ta' Jannar 2012** u bdiet fil-5.37 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**Laqgħa b'urġenza** msejħa skont artiklu 29A tal-Att tal-Kunsilli Lokali wara li ġiet ippreżentata talba bil-miktub nhar il-5 ta' Jannar 2012 lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv mill-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsillieri Marianne Aquilina, Sandra Camilleri, Nicolai Gauci u Patrick Pace.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer, il-Kunsillieri Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Julian Galea, Nicolai Gauci u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**
Il-Kunsillier Nikki Dimech kien assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**
L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Gatt

*Preżenti wkoll membri tal-pubbliku u membri tal-istampa.*

Is-Sindku presediet.

## 56.1. AVVIŻ FORMALI LILL-KUNSILL MILL-PRIM MINISTRU

56.1.1 Wara li ntqalet it-talba is-Sindku introduċiet il-laqgħa fejn appellat biex ma jkunx hemm attakki personali u l-kummenti jkunu kostruttivi. Hija infurmat li kienet se timxi mal-Ordnijiet Permanenti u se talloka ħames minuti lil kull membru biex jagħti l-opinjoni tiegħu. Is-Sindku imbagħad qrat l-avviż formali li l-Prim Ministru bagħat lill-Kunsill u wara stiednet lil kull membru biex jgħaddi l-kummenti tiegħu. *Introduzzjoni mis-Sindku*

56.1.2 Il-Viċi Sindku esprima li kien sorpriż ħafna bl-ittra. Huwa ressaq fuq il-mejda rapport tal-ħidma li wettaq il-Kunsill Lokali, id-diffikultajiet li ffaċċja fl-aħħar xhur, kif f'dawn l-aħħar ġimgħat diġà qed jidher titjib sostanzjali kif ukoll pjan għas-sena li ġejja. Wara li qassam kopja lil kull membru huwa qara siltiet minnu u informa li huwa kien qiegħed jippreżentah bil-ħsieb li, jekk il-Kunsill jaqbel, ikun ippreżentat lill-Prim Ministru b'kopja lill-Ministru Carm Mifsud Bonnici. Is-Sindku stqarret li kien ikun aħjar kieku ġie mibgħut qabel lill-Kunsillieri ħalli jilħqu jaqrawh. Il-Viċi Sindku allega li l-Kunsill kien qiegħed jiffaċċja problemi bit-tmexxija amministrattiva tal-ex-Segretarju Eżekuttiv u li d-Dipartiment kien ġie mwissi dwar dan ripetutament u anki jitlob li s-Segretarju Eżekuttiv tkun mibdula. Allega wkoll d-Dipartiment ma kienx qed jagħti widen iżda issa ħass li bl-Aġent Segretarju Eżekuttiv l-affarijiet bdew jiċċaqilqu u li diġà ttieħdu xi inizjattivi. Allega wkoll li ħafna mill-problemi huma ġejjin ukoll mill-Awtoritajiet li ħafna drabi ħallew lill-Kunsill mingħajr risposti. Id-dokument huwa anness f'A.

*Kummenti tal-membri*

56.1.3 Il-Kunsillier Nicolai Gauci kkumplimenta lill-Viċi Sindku għad-dokument. Huwa tenna li kienu qed jittieħdu deċiżjonijiet flimkien, u li ħafna minnhom kienu jkunu unanimi. Sostna li l-fatt li ma kinux ġew implimentati mhux tort tal-Kunsillieri iżda tort tat-tmexxija amministrattiva b'detriment għar-residenti u l-lokalità. Huwa konvint li l-Kunsill qatt ma waqaf jaħdem.

56.1.4 Il-Kunsillier Martin Debono saħaq li t-twissija ssemmi rapport (tal-IAID) li qatt ma ġie ppreżentat lill-Kunsill minkejja li anki ġurnali kkwotaw minnu. Semma wkoll li, għal xi żmien, regolarment kienu jattendu uffiċċjali tal-*Monitoring Unit* fi ħdan id-Dipartiment għal-laqgħat tal-Kunsill biex jaraw x'qed jiġri u li eventwalment ma baqgħux jiġu għaliex ħassew li kollox kien miexi sew. Il-Kunsillier Debono semma wkoll li l-Kunsill Lokali Tas-Sliema preżenti kiser ir-rekord ta' laqgħat mill-Kunsilli Lokali kollha b'total ta' 84 laqgħa. Huwa allega li kien hemm tfixkil anki mill-Gvern fejn semma wkoll arresti li kienu saru. Is-Sindku intervjeniet u talbitu jżomm mal-punt. Il-Kunsillier Debono allega li l-Kunsill ipprova ħafna jittratta problemi li qed jiffaċċjaw ir-residenti u anki kellu s-soluzzjonijiet iżda sab ostakli kbar. Huwa ta eżempju tar-*residential parking scheme* u li l-Kunsill kien wettaq studju għal kull triq li sewa ammont ta' flus lill-Kunsill biex jikkonvinċi lill-Gvern Ċentrali iżda baqa' qatt ma' ngħata widen. Semma wkoll il-*Masterplan* li kien sar għax-Xatt u li sar bla spejjeż ta' xejn għall-Kunsill u mill-ħin personali tal-Kunsillieri stess. Semma wkoll li l-Kunsill kien anki qed jipprova jżid il-parkeġġ minkejja d-diffikultà filwaqt li l-Gvern iwettaq proġetti li ħafna drabi lanqas biss jikkonsulta mal-Kunsill.

56.1.5 Il-Kunsilliera Marianne Aquilina saħqet li ma kienx iż-żmien opportun li l-Kunsill jiġi xolt u ħassitha urtata wisq b'dan kollu. Ħasset li hi dejjem tat sehma u ħadmet fil-Kunsill. Is-Sindku talbita biex ma tieħux l-ittra bħala kritika personali. Il-Kunsilliera Aquilina insistiet ukoll li l-fatt li fadal biss sena għall-elezzjoni ma jkunx jagħmel sens li jintefqu l-flus fuq elezzjoni mill-ġdid.

56.1.6 Il-Kunsilliera Sandra Camilleri insistiet li l-problemi kienu ġejjin mit-tmexxija amministrattiva u li issa li kien hemm l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Gatt l-affarijiet kienu mixjin aħjar. Hija irringrazzjat lis-Sur Gatt. Hija ilmentat li l-Direttur preżenti qatt ma ltaqa' mal-Kunsill. Is-Sindku infurmat li hija kienet lesta li tirranġa għal laqgħa jekk il-Kunsill ikun jixtieq hekk. Insistiet li l-problema kienet kwistjoni amministrattiva u li hi ilmentat fuq dan diversi drabi anki mad-Dipartiment. Irringrazzjat ukoll lill-Prim Ministru talli daħal f'din il-kwistjoni iżda tistenna li jikkunsidra dawn il-problemi.

56.1.7 Il-Kunsillier Edward Cuschieri saħaq li l-Kunsill kellu kriżi li qatt qabel ma kellu bħalha. Huwa staqsa dwar kemm laqgħat kienu ta' sustanza filwaqt li allega li numru ta' laqgħat kienu ġew sfrattati u għalhekk inutli wieħed jgħid kemm saru laqgħat. Huwa jħoss li hemm kwistjonijiet personali. Allega li, minħabba l-fatt li l-Kunsill kien elett b'maġġoranza ta' tmien Kunsillieri għall-PN u issa din il-maġġoranza niżlet għal tlieta, il-Kunsill kien qiegħed jiġġammja.

56.1.8 Il-Kunsillier Galea sostna li l-fatt li l-Kunsill fi tliet snin kellu erba' Segretarji Eżekuttivi huwa xiehda biżżejjed li hemm problema għaliex il-Kunsill ma kienx kapaċi jżomm Segretarju Eżekuttiv għal tul ta' żmien. Saħaq ukoll li inutli wieħed jibbaża fuq l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għax dak kien qiegħed jaġixxi fuq bażi temporanja u b'ħin limitat. Stqarr li huma ftit dawk li jitħajjru jiġu jaħdmu fil-Kunsill minħabba s-sitwazzjoni. Saħaq li vera li l-Kunsillieri ħadmu iżda allega li kien hemm ħafna sitwazzjonijiet fejn Kunsillieri jispiċċaw ifixklu l-ħidma tal-Kunsill meta joqgħodu jfettqu fuq il-minuti u jinħela l-ħin. Huwa jħoss li l-aħjar soluzzjoni tkun li ssir elezzjoni mill-ġdid għaliex iħoss li r-residenti hekk jixtiequ.

56.1.9 Il-Kunsillier Patrick Pace saħaq li l-fatt li l-Kunsill iltaqa' 84 darba hija xiehda ta' kemm ħadem u għalhekk ma jixtieqx li l-Kunsill ikun xolt. Insista li l-Kunsill u hu personali għamel ħafna xogħol li ma jidhirx. Huwa semma li l-intenzjoni kienet li l-Kunsillieri jaħdmu flimkien iżda, jekk il-problema kienet amministrattiva, ma kellhomx jieħdu t-tort huma.

56.1.10 Il-Kunsillier Yves Calì ressaq dokument b'ġabra ta' punti li jwieġbu t-twissija. Din hija annessa f'B. Ippreżenta wkoll kopja ta' artiklu tal-ġurnal *The Times*. Ilmenta li skont it-twissija l-monitoraġġ beda wara l-allegat problemi iżda jemmen li dan ma kienx ġust għaliex, biex wieħed jagħraf li l-Kunsill kien miexi ħażin wara l-allegat problemi ried isir monitoraġġ qabel ukoll biex wieħed iqabbel id-differenza. Huwa semma wkoll ir-rapport tal-verifika iżda s-Sindku ġibditlu l-attenzjoni li din ma kinitx kwistjoni ta' verifika. Il-Kunsillier Calì kompla li, skont ir-rapport ta' *The Times*, l-*IAID report* isemmi problemi anki tal-Kunsilli passati u mhux biss ta' dak preżenti. Ippreżenta wkoll lista' ta' Kunsilli Lokali li kienu penalizzati u li Tas-Sliema kien wieħed minn sittax, minn fost il-Kunsilli kollha, li ma kienx penalizzat. Is-Sindku fakkret li f'dan il-każ il-Kunsill kien iffranka l-penali bl-eżatt wara li kellha ssir laqgħa

oħra malajr fuq insistenza tal-ex Segretarju Eżekuttiv għaliex il-laqgħa oriġinali li, fiha kellhom jiġu approvati r-rapporti finanzjarji, kienet spiċċat bla *quorum*. Il-Kunsillier Calì saħaq li l-problema li għandu l-Kunsill hija li x-xogħol li qed jagħmel mhux qed jidher biżżejjed filwaqt li meta kien hemm l-argumenti kien dejjem biex isir iżjed il-ġid. Il-punti tal-Kunsillier Calì huma annessi f'B.

56.1.11 Il-Kunsilliera Camilleri f'dan il-ħin oġġezzjonat għall-kummenti li kien għadda l-Kunsillier Cuschieri qabel u sostniet li ma kinux f'posthom.

56.1.12 Is-Sindku stqarret li ma kinitx sorpriża bit-twissija. Saħqet li l-laqgħat tal-aħħar xhur kienu kkaratterizzati minn attakki personali, theddid, biża, suspetti u nuqqas ta sfiduċja bejn il-membri. Stqarret li finalment kienu r-residenti li eleġġew lill-Kunsill iżda issa tħoss li qed ibgħatu u infatti kien hemm ħafna ilmenti. Hija sostniet ukoll li mhux sewwa jintefa dell fuq l-ex Segretarju Eżekuttiv għaliex id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill. Sostniet li hemm diversi proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-amministrazzjoni u mhux ġust li nuqqas ta' Kunsill jintefa fuq l-ex Segretarju Eżekuttiv. Hija tat eżempji ta' emails li ma jkunux imwieġba mill-Kunsillieri, ammont ta' pressjoni fuq l-istaff mill-istess kunsillieri b'ammont esaġerat ta' emails li jibghatu lill-ex Segretarju Eżekuttiv ta' kuljum u n-numru ta' telefonati li kellhom isiru biex ikunu infurmati għal-laqgħat tal-Kunsill. Ma dan allegat li kien hemm ukoll tfettieq żejjed fuq il-minuti fejn ħafna drabi inħela ħafna ħin anki fuq kelma waħda. Hija fakkret kemm ħadu żmien ċertu deċiżjonijiet u tat eżempju għall-kuntratt tal-iskart li minn Novembru ġie aġġudikat f'Ġunju ta' wara. Semmiet ukoll li l-*mid-term* Audit tal-2010 li minn Lulju jiġi approvat f'Diċembru u anki l-aħħar rapport finanzjarju annwali jitlesta f'April u jkun approvat f'Ġunju. Fakkret li kien hemm ukoll żewġ kuntratti skaduti. Saħqet li fl-aħħar mill-aħħar kienu r-residenti li qed ibagħtu.

56.1.13 Il-Kunsillier Gauci sostna li l-Kunsillieri qatt ma riedu jxekklu l-ħidma tal-Kunsill u infatti qatt ma sar tentattiv biex tinbidel is-Sindku minkejja li ma kelliex l-appoġġ politiku tal-maġġoranza tal-Kunsillieri.

56.1.14 Il-Kunsillier Debono ppropona li kulħadd iressaq il-punti li jixtiequ li jkunu inklużi fl-ittra bħala risposta għat-twissija.

*Proposta għal tressieq ta' punti għar-risposta.*

56.1.15 Il-Viċi Sindku ppropona li jintbagħat id-dokument lill-Prim Ministru kif inhu flimkien ma' ittra u abbozz tal-minuti. Is-Sindku sostniet li hija ma tistax taqbel li tikkommetti lill-Kunsill bil-pjan ta' ħidma li kien fih id-dokument bħala li huwa fatt speċjalment minħabba li ma kienx hemm iċ-ċans li wieħed jeżaminah u jiddiskutih. Madanakollu hija ma kelliex oġġezzjoni li jkun mehmuż mal-minuti.

56.1.16 Il-Kunsillier Debono imbagħad ippropona li l-Kunsill jiddikjara ruħu kontra li l-Gvern ixolji l-Kunsill. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Gauci, Aquilina u Camilleri. Meta ttieħed vot il-mozzjoni għaddiet b'seba' voti favur, żewġ voti kontra mill-Kunsillieri Galea u Cuschieri filwaqt li s-Sindku astjeniet.

*Mozzjoni kontra li l-Kunsill jiġi xolt.*

56.1.17 Il-Viċi Sindku ppropona li, bħala risposta lill-Prim Ministru, jintbagħatu l-minuti ta' din il-laqgħa bil-kummenti ta' kull membru flimkien mad-dokumenti imressqa mill-Viċi Sindku u l-Kunsillier Calì. Il-Kunsillier Gauci ssekonda filwaqt li, meta ttieħed vot, il-membri kollha kienu favur. *Mozzjoni biex tintbagħat risposta mad-dokumenti.*

56.1.18 F'dan il-ħin il-Kunsillier Pace kien skużat. Il-ħin kien is-6:35pm.

56.1.19 Il-Kunsill imbagħad qabel fuq abbozz ta' ittra imħejjija mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u li magħha jkunu mehmuża l-minuti u d-dokumenti msemmija *Abbozz ta'* covering letter.

## 56.2 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

56.2.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6:40pm.

Minuti approvati llum 11 ta' Jannar 2012.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Paul Gatt**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**